# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju, 2023.**

**Numru 42**

**Rikors numru 889/17/1 TA**

**Mark a/k as Markus Micallef**

**v.**

**John Borg u Christopher Pace**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin u, filwaqt li ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż kontrih;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"***Punti ta' fatti***

*1. Il-pretensjoni ta' l-Attur wara din l-azzjoni hija li l-Konvenuti jinzammu personalment responsabbli fl-ammont ta' €19,722.17 inkluz imghax legali.*

*2. Dan l-ammont jirrapprezenta bilanci, spejjez, imghaxijiet u VAT dovuti in segwitu ghal tlett kawzi li gew istitwiti mill-Attur Mark Micallef kontra s-socjetajiet PlayHouse Ltd, Business Towers Limited u Farley Limited kif ukoll kawza ohra istitwita mis-Socjeta` Globe Financial Investments Limited kontra l-istess Attur Mark Micallef. Dawn l-erbgha kawzi huma s-segwenti:-*

> *"1. Avviz nru 237/2002MM Mark Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem "Proinvest" vs PlayHouse Ltd deciza fit-13 ta' Mejju 2002 a` fol 20 u 50;*
>
> *2. Avviz nru 238/2002JAB Mark Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem Proinvest vs Business Towers Limited deciza fil-21 ta' Mejju 2002 a` fol 26 u 68;*
>
> *3. Avviz nru 239/2002SM Mark Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem Proinvest vs Farley Ltd deciza fis-7 ta' Mejju tas-sena 2002 a` fol 23 u 52;*
>
> *4. Cit nru 566/2002AF Globe Financial Investments Ltd. Vs Mark Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem Proinvest" deciza fil-31 ta' Mejju 2017 a` fol 5 u 55;"*

*3. Dawn l-erbgha Socjetajiet imsemmija gew kollha likwidati u sussegwentement stralcjati. Farley Investments Limited giet imnehhija mir-registru fis-7 ta' Dicembru 2005, The Playhouse Company Limited giet hekk imnehhija fil-25 ta' Jannar 2006, Globe Financial Investments Limited giet imnehhija fl-24 ta' Settembru 2011 u Business Tower Limited tnehhiet fit-2 ta' Awwissu 2014 (ara l-avvizi ta' stralc a` fol 82 sa 101).*

*4. Jirrizulta li t-tlieta mill-Kawzi fuq imsemmija gew ammessi mis-Socjetajiet The Playhouse Company Limited, Business Tower Limited u Farley Investments Limited. L-ammonti kannonizzati gew depozitati fir-Registru tal-Qorti permezz tar-rispettivi cedoli ta' depozitu 815/2002 (a` fol 44), 811/2002 (a` fol 48) u 758/2002 (a` fol 46).*

*5. Jidher izda, li l-Attur ma setghax jizbanka dawn l-ammonti minhabba li gew kolpiti b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 960/2002 li gie prezentat kontra l-Attur in kawtela ta' pretensjonijiet li s-Socjeta` Globe Financial Investments Ltd li kienet qed tavvanza permezz ta' kawza ohra kontra l-Attur. Kif inghad aktar 'l fuq, din il-kawza giet deciza permezz ta' Sentenza moghtija fil-31 ta' Mejju 2017 fejn il-Qorti cahdet it-talbiet tas-Socjeta` Globe Financial Investments Limited bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`.*

***Punti ta' Ligi***

*6. L-azzjoni li qed jesperita l-Attur b'din il-Kawza hija dik li permezz taghha qieghed jipprova jirkupra, spejjes tal-imsemmija Kawzi, imghaxijiet fuq il-Kapital kannonizzat bis-Sentenzi u kif ukoll bilanci ta' kapital inkonnessjoni ma xi uhud minn dawn il-kawzi. Ghalhekk hija l-azzjoni tal-kreditur kontra d-debitur.*

*7. Ir-ragunijiet ghaliex il-Konvenuti ghandhom, skont l-Attur, jinzammu responsabbli personalment huma indikati fit-tielet u r-raba' premessa tar-rikors promotur. Dawn jikkonsistu fil-fatt, li John Borg, bhala likwidatur tal-istess erbgha Socjetajiet, naqas li jivverifika d-dejn li kellha kull Socjeta` versu r-rikorrenti qabel ma kkonkluda l-likwidazzjoni rispettiva ta' kull Socjeta' imsemmija. Min-naha l-ohra Christopher Pace, bhala azzjonista ta' l-istess erbgha Socjetajiet, naqas li jinforma lil likwidatur b'tali dejn u naqas li jassikura li tali dejn jithallas qabel is-Socjetajiet jigu likwidati.*

*8. L-Attur isostni li l-kumpanijia Globe Financial Investments Limited, The Playhouse Company Limited, Business Towers Limited u Farley Investments Limited gew kollha xolti u mnehhija mir-Registru u "b'mod ghal kollox … … frawdolenti" sabiex l-Attur jigi inabilitat milli jiehu dak li l-Qorti ddecidiet permezz tas-sentenzi fuq senjalati. Dejjem skont l-Attur, dan sar meta Christopher Pace ta'' x'jifhem li l-kumpaniji kienu ghadhom jezistu billi kompla ghaddej bil-proceduri legali stitwiti kontra l-Attur mis-socjeta` Globe Financial Investments Limited u baqa' jidher fil-kawza anke wara li giet xolta s-socjeta` msemmija (ara affidavit tal-attur a` fol 72 u 73). Ghalhekk il-Qorti tifhem li fir-rigward tal-Likwidatur qed tkun imputata n-negligenza fl-esekuzzjoni tal-inkarigu tieghu mentri fir-rigward tal-Konvenut l-iehor qed ikun imputat id-dolo.*

*9. Il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti tikkumplika ruhha bl-eccezzjoni preliminari moghtija mill-Konvenuti li eccepew l-improponibbilitá tal-azzjoni odjerna, stante li fic-cirkostanzi tal-kaz, l-azzjoni kif istitwita ma hiex skont il-procedura appozita kif kontemplata fl-artikolu 300A(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-Konvenuti qed isostnu, li din l-eccezzjoni ghandha tkun milqugha u li per konsegwenza jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju (ara fol 37 u 40).*

***Konsiderazzjonijiet***

*10. L-Attur iddecieda li jipproponi l-azzjoni odjern kontra l-azzjonist fis-Socjetajiet fuq imsemmija u kif ukoll kontra l-likwidatur, fil-kapacita` personali taghhom. Il-Qorti tifhem ghaliex ghazel din it-triq. Ma setax jipproponi l-azzjoni kontra s-Socjetajiet inkwistjoni ghaliex illum huma inesistenti fid-dawl li dawn gew likwidati u kancellati minn fuq ir-Registru tas-Socjetatjiet Kummercjali mizmum mir-Regolatur appositu. Ghalhekk huwa fid-dawl ta' dawn il-fatti li jiccirkoskrivu l-azzjoni ittentata, li din il-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament legali, kemm tal-pretensjonijiet tal-Attur u kif ukoll tal-eccezzjoni preliminari fuq imsemmija.*

*11. Jibda biex jinghad li taht il-ligi tal-Kumpaniji, Kap. 386 tal-ligijiet ta' Malta, azzjoni ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` illimitata u diretta ta' azzjonisti u rapprezentanti ta' socjeta` hija biss permissibbli f'zewg cirkostanzi. Dawn ic-cirkostanzi huma kontemplati fl-artikoli 315 (kummerc bi frodi) u 316 (kummerc hazin) tal-imsemmi Kap tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti l-ewwel ser tezamina dawn iz-zewg artikoli, sabiex tqis jekk il-bazi tal-azzjoni kif proposta, jistax jinghad li giet imsejsa fuq xi wahda miz-zewg istanzi kontemplati mill-ligi kif spjegat.*

*12. Kif intqal tajjeb mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Dr. Andrew Borg Cardona bhala stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Priceclub Operators Limited vs Victor Zammit et*** *moghtija fl-14 ta' Mejju 2010, "Skond dawn l-artikoli ghalhekk ikun hemm kummerc bi frodi [artikolu 315] jekk waqt l-istralc ta' kumpanija jkun jidher li xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-hsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija jew ta' kredituri ta' xi persuna ohra jew bil-ghan ta' frodi, waqt li jkun hemm kummerc hazin [artikolu 316] meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghat tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha."*

*13. L-Artikolu 315 ghalhekk jistabbilixxi l-procedura ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` illimitata fil-kaz ta' kummerc bi frodi (fraudulent trading) unikament waqt li l-kumpanija tkun fi process ta' stralc. Di fatti dan l-artiklu specifikament jiddisponi fl-ewwel sentenza tieghu hekk: "Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija......" ( emfazi tal-Qorti ). Fil-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti l-azzjoni odjerna giet intavolata kontra l-likwidatur u l-azzjonist ta' Socjetajiet li huma gia' stralcjati u mnehhija mir-registru u ghalhekk ma tistax tinkwadra taht il-procedura stabbilita f'dan l-Artikolu ghax jonqos element legali importanti ai fini tal-ezercizzjoni taht l-imsemmi artiklu.*

*14. Taht l-Artikolu 316, Qorti tista tiddikjara direttur ta' socjeta` personalment responsabbli fil-kaz ta' kummerc hazin (wrongful trading) fejn is-socjeta` tkun diga' xolta u tkun insolventi. Ai termini tas-*

*sub-inciz 2 tal-artikolu msemmi, Qorti tista' tiddikjara dan unikament fuq ir-rikors tal-istralcjarju tal-Kumpanija. L-azzjoni giet esperita mill-Attur qua kreditur u mhux mill-istralcjarju li f'din il-kawza inzerta li huwa Konvenut. Isegwi ukoll, li din l-azzjoni ma hiex ezercitabbli kontra l-likwidatur, kif inhu l-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti. Dan ifisser li l-pretensjoni tal-Attur lanqas taht dan l-Artikolu ma tista' tkun inkwadrata.*

*15. Bl-azzjoni li qieghed jesperita l-Attur, hija indubbjament intiza li twassal ghall-"lifting of the corporate veil", talinqas zgur fil-konfront tal-Konvenut Christopher Pace. Il-Qorti taghraf, li l-kuncett tar-responsabbilita` personali ta' rapprezentanti ta' socjeta` b'responsabbilita` limitata, u cioe` "lifting of the corporate veil", gie wkoll accettat fid-dottrina u fil-gurisprudenza nostrali, anke fil-kuntest ta' azzjoni ghal kanonizzazzjoni ta' kreditu, meta jigi stabbilit agir frawdolenti u in mala fides. Dan abbazi tal-principju, li ebda negozju guridiku ma ghandu jgawdi mmunita` mill-principju fraus omnia corrumpit, principju li gie senjalat f'diversi sentenzi fosthom dik moghtija min din* ***il-Qorti stess fid-9 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet Grace Bonello pro et noe vs Karl Bonello et kif ukoll Franstan vs Kashmiri Palace Limited et, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 9 ta' Frar 2017; Jane Chircop et vs Robert Mizzi pro et noe, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 27 ta' April 2017; L-Avukat Dottor Ivan Sammut nomine vs Winetailors Limited et, Prim' Awla tal-Qorti Civili 31 ta' Ottubru 2016; Sirap Limited vs IT 2010 Limited et, Qorti tal-Magistrati (Malta), 7 ta' Ottubru 2013.***

*16. Izda l-azzjoni kif esperita fil-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti tinkalja anke minn dan l-aspett. Ma tistax issib konfort taht dan il-principju peress li, ladarba s-Socjetajiet in kwistjoni huma kollha stralcjati u xjolti, ma hemm l-ebda mantell tal-personalita` guridika li din il-Qorti tista' tgholli. B'dan kollu ma jfissirx il-ligi f'cirkostanzi bhal dawn ma toffrix rimedju. Dan ir-rimedju jinsab fil-ligi li tirregola l-Kumpaniji u cioe` Kap 386 tal-ligijiet ta' Malta, li kif ser jinghad aktar 'l isfel hija ligi specjali. Apparti r-rimedji fuq imsemmija, fil-kaz partikulari ta' din il-Kawza, l-artiklu 300A tal-imsemmi Kap tal-ligijiet huwa rimedju iehor li l-Attur kellu ghad-disposizzjoni tieghu. Dan l-artiklu jiddisponi hekk:-*

> *"(1) Meta fil-kors ta' l-istralc ta' kumpannija l-istralcjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpannija, u l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika ta' l-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik ir-rettifika taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*
>
> *"(2) Meta kumpannija tkun ghamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti taghha skond skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru, kull kreditur li l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpannija ma tkunx giet sodisfatta*

*jista', b'rikors, jaghmel talba ghal dak li hu dovut lilu minghand l-azzjonisti tal-kumpannija pro rata ghall-ammont li jkun ricevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru hlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taht dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa : Izda f'ebda kaz ma ghandu azzjonist ikun mehtieg li jikkontribwixxi ghal ammont li jkun izjed minn dak ricevut minnu mad-distribuzzjoni.*

*"(3) Ma jista' jsir ebda rikors taht dan l-artikolu wara li jghaddu hames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpannija jkun thassar mir-registru."*

*17. Fis-Sentenza tal-**PA per Imhallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Ian Mizzi vs Registratur tal-Kumpaniji et** tat-30 ta' Novembru 2010 jinghad li dan l-artiklu jipprovdi biss ghar-rettifikazzjoni ta' l-iskema ta' distribuzzjoni u mhux ghat-tqeghid mill-gdid ta' l-isem tal-kumpannija fuq ir-Registru. Minn hawn johrog, li anke f'din ic-cirkostanza specjali, la darba Kumpanija tkun tnehhiet minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet Kummercjali u wara li jkunu gew distribwiti l-assi kollha, is-socjeta` per se` ma tista' qatt tkun risuxxitata.*

*18. Oltre dan, il-Qrati dejjem sostnew li dan l-artiklu ghandu jsib l-applikazzjoni tieghu b'mod strett u assidwu, anke fir-rigward tat-termini imposti mill-istess artiklu ghall-ezercizzju tieghu. (ara **Sentenza tal-PA per Imhallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Dr. Paul Micallef Grimaud nomine vs Keith Micallef nomine et tat-30 ta' Novembru 2009).** Minn dan kollu jidher li l-legislatur ried, li f'cirkostanzi bhal dawk li ghandha quddiemha l-Qorti, la darba tkun saret id-distribuzzjoni tal-assi ta' socjeta` per via di liquidazione, eccezzjonalment biss tista' terga' titqanqal l-pretensjoni ta' xi kreditur li t-talba tieghu ma tkunx giet sodisfatta u dan b'mod ristrett u fiz-zmien li jimponi dan l-artiklu fit-tielet subartiklu tieghu. L-intenzjoni wara dan l-artiklu hija dik, li l-interessi tal-partijiet kollha jitqeghdu fic-cert darba ghal dejjem.*

*19. Huwa l-artiklu 300B li jipprovdi ghar-restituzzjoni mill-gdid ta' isem is-socjeta` u li l-istralc jerga' jinfetah mill-gdid. Artiklu li jsib l-applikazzjoni tieghu fil-kaz li l-istralc ikun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, kif bhal donnu qieghed jippretendi l-Attur f'din il-Kawza tal-inqas fil-konfront tal-Konvenut Christopher Pace. Il-ligi taghti dan ir-rimedju b'mod sussidjarju ghall-azzjoni ohra li l-kreditur jista' jkollu ghad-disposizzjoni tieghu pero' bhal dak ta' qablu, anke hawn il-ligi tiddisponi li azzjoni ta' din ix-xorta hija ammissibbli biss sa zmien hames (5) snin minn meta s-socjeta` tkun giet stralcjata. Ghalhekk, din il-Qorti tifhem li d-dekorrenza ta' hames snin tissigilla darba ghal dejjem id-destin ta' kull kreditur ta' liema xorta tkun.*

*20. Izda kif inghad aktar 'l fuq, l-ermenewtika lokali tinsenja li dawn huma rimedji specjali u straordinarji, li ghandhom ikunu ammessi b'cirkospezzjoni u b'mod strett. Minn dan ifaqqas l-argument, li l-ligi ma tippermettix li jsiru azzjonijiet ta' xorta differenti minn dawk li tipprovdi din il-ligi specjali. Dan ifisser, li azzjoni ta' natura generali mhux ammissibbli ghax dan imur kontra l-principju ta' lex specialis, derogat generalis. Is-Socjetajiet Kummercjali huma regolati minn ligi specjali. Ligi li tidderoga minn kull ligi ohra generali (ara* ***Sentenza PA per Imhallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Emmanuel Micallef pro et vs Carmelo Farrugia pro et tal-24 ta' Ottubru 2011).***

*21. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan il-punt u waslet ghall-konkluzjoni li li kieku, fic-cirkostanzi li ghandha quddiemha, kellha taghti interpretazzjoni wisgha u liberali tal-principji legali involuti, fir-rejalta' tkun qeghdha timmina dik ic-certezza, mhux biss bejn il-partijiet involuti, izda anke erga omnes, li timmira ghaliha din il-ligi specjali li tirregola s-Socjetajiet Kummercjali. Fi ftit kliem, dak li suppost ikun inghalaq darba ghal dejjem bid-dekorrenza ta' hames (5) snin minn meta Socjeta' Kummercjali tkun thassret, ikun jista' jerga' jinfetah interminabbilment.*

*22. Sabiex din il-Qorti waslet ghal din il-konsiderazzjoni ma naqsitx li tiehu inkonsiderazzjoni, li l-Attur qieghed jargumenta li l-istat li sab ruhu fih huwa frott ta' qerq prattikat mill-Konvenut Christopher Pace fil-kawza li kienet istitwiet kontra tieghu s-Socjeta' Global Financial Investments Ltd. Skont l-Attur dan il-qerq jikkonsisti fil-fatt li fil-Kawza imsemmija huwa kien gie sgwidat, peress li inghatatlu l-impressjoni mill-Konvenut Christopher Pace, li dawn il-Kumpaniji kienu ghadhom attivi meta fil-fatt kienu gew imhassra minn fuq ir-registru.*

*23. Izda f'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li mis-Socjetajiet kollha fuq imsemmija, kienet biss is-Socjeta` Globe Investments Services Ltd parti ghall-Kawza inkwistjoni. Ghalhekk, jekk qatt seta' gie sgwidat kien biss fil-konfront ta' din is-Socjeta` u mhux tal-ohrajn ghax ma kienux huma li sgwidaw lill-Attur. Dik il-Kawza giet presentata fis-17 ta' Mejju 2002 u s-Socjeta` Globe Investments Services Ltd giet stralcjata fl-24 ta' Settembru 2011. Dan ifisser li waqt li kienet ghaddejja dik il-Kawza, ghal ben disgha (9) snin dik is-Socjeta` kienet ghadha attiva. Is-Socjetajiet l-ohrajn, wahda giet imhassra fl-2005 u l-ohra fl-2006, mentri Business Towers Ltd giet imhassra fil-21 ta' Mejju 2002!.*

*24. L-Attur ma messux strah fuq is-sistema ta' kondotta tas-Socjeta' Attrici u d-diretturi taghha f'dik il-kawza. Dan qieghed jinghad inkwantu artikolu 324 tal-ligi in kwistjoni jiddisponi hekk:- "(1) Meta l-isem tal-kumpannija jitħassar minn fuq ir-reġistru, ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż dwar dan fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur."*

*25. Dan ifisser, li l-istess ligi tipprovdi avvizi ghal pubbliku in generali biex jgharrfu jimxu f'kaz li jkollom interess. L-Attur kellu l-mezz biex isegwi l-istat ta' dawn is-Socjetajiet. Ghalhekk, l-Attur kellu ben hames snin minn meta thassru dawn is-Socjetajiet u t-thassir taghhom gie ippubblicizzat kif fuq inghad, biex jitlob dak li qed jippretendi li jiehu f'din fil-Kawza. La ma approfittax ruhu mill-beneficcju li kellu taht ligi specjali, ma jistax issa jippretendi li jikseb dawk id-drittijiet taht xi regola jew norma generali tal-ligi.*

*26. Din il-Qorti ghalhekk, tikkonkludi, li l-procedura li fil-fatt kellu jesperixxi l-Attur hija dik kontemplata fl-Artikolu 300A(2) tal-Kap. 386. Ai termini tas-subinciz (3) tal-imsemmi artikolu 300A, tali procedura kellha ssir fi zmien hames snin mid-data li fiha s-Socjetajiet in kwistjoni gew imhassra mir-Registru.*";

3. L-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") ħassu aggravat mill-imsemmija sentenza u b'rikors imressaq fis-16 ta' Lulju, 2018, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lill-Qorti sabiex: *"tirrevoka u tħassar is-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2018 fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari taż-żewġ konvenuti appellati, u terġa' tibgħat l-atti lura lill-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tkompli tisma' l-kawża fuq il-mertu"*;

4. L-imħarrkin (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "l-appellati") laqgħu għall-appell billi, għar-raġunijiet imfissra fir-risposti rispettivi tagħhom imressqa fl-4 ta' Settembru, 2018, u l-5 ta' Settembru, 2018, qalu li l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u b'hekk l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih u t-tnejn li huma saħqu li l-appellant kien inqeda bi proċedura ħażina biex iressaq il-pretensjonijiet

tiegħu b'mod li l-ebda wieħed minnhom ma kien il-kontradittur leġittimu ta' dawk il-pretensjonijiet;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-28 ta' Frar, 2023;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. B'din l-azzjoni l-appellant qiegħed ifittex lill-konvenuti appellati f'isimhom personali, għall-ħlas ta' krediti kanonizzati b'sentenzi li kienu dovuti lilu minn erba' kumpanniji li m'għadhomx jeżistu, għaliex isimhom ġie mħassar minn fuq ir-reġistru tal-kumpanniji wara li ġew stralċjati b'mod volontarju. Filwaqt li l-appellat Pace kien l-azzjonist fl-imsemmija erba' kumpaniji, l-appellat l-ieħor Borg kien inħatar bħala likwidatur ta' kull waħda minnhom fil-proċess ta' stralċ;

9. Ir-raġunijiet għalfejn l-appellant qiegħed iżomm lill-appellati personalment responsabbli għal dawn il-krediti huma mfissra fit-tielet u

fir-raba' premessi tar-rikors maħluf li bih ġew imnedija dawn il-proċeduri u li fihom jingħad hekk:

> "*3. Illi l-intimat John Borg bħala likwidatur għal kull soċjetà msemmija fil-paragrafu 2 hawn fuq, huwa responsabbli għal dan id-dejn għaliex naqas li jivverifika d-dejn li kellha kull soċjetà versu r-rikorrent qabel ma kkonkluda l-likwidazzjoni rispettiva ta' kull soċjetà fuq imsemmija",* u
>
> *4. Illi l-intimat Christopher Pace huwa responsabbli għal dan id-dejn għaliex bħala azzjonisti ta' l-istess soċjetajiet naqas li jinforma lil-likwidatur b'tali dejn u naqas li jassikura li tali dejn jitħallas qabel s-soċjetajiet jiġu likwidati. Illi bl-aġir tagħhom l-intimati saru personalment responsabbli għal dawn l-ammonti*";

10. Iż-żewġ konvenuti laqgħu għax-xiljiet tal-appellant, billi qajmu lkoll, bħala eċċezzjoni preliminari, l-argument li l-appellant ma setax iressaq din it-tip ta' azzjoni kontrihom, u fissru li minflok, kellha titressaq azzjoni taħt l-**Artikolu 300A tal-Att dwar il-Kumpaniji** (l-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta), li fi kliemhom hija proċedura speċjali u tassattiva li tgħodd għal ilmenti bħal dawk tal-appellant. Fuq is-saħħa ta' dan, l-imħarrkin sostnew li kellhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju u dan bl-ispejjeż kontra l-istess appellant;

11. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti, wara li fissret b'reqqa għalfejn l-azzjoni tal-attur ma setgħetx tirnexxi kontra l-imħarrkin, qablet mal-eċċezzjoni preliminari tagħhom u sabet li l-proċedura li l-attur kellu jirrikorri għaliha kienet dik maħsuba fl-Artikolu 300A(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li skont is-sub-inċiż (3) tal-istess artikolu, kellha ssir fi

żmien ħames snin minn meta isem il-kumpaniji li tagħhom l-appellant qed jallega li huwa kreditur tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;

12. L-attur ma qabel xejn ma' din is-sentenza u qiegħed issa jattakka din is-sentenza fuq is-saħħa ta' **żewġ aggravji** li, minħabba r-rabta li teżisti bejniethom, il-Qorti ser tkun qiegħda tqishom flimkien;

13. Fl-**ewwel aggravju** l-appellant qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament ħażin tal-liġi meta kkonkludiet li kemm l-**Artikolu 315 tal-Kap. 386** kif ukoll il-prinċipju magħruf bħala '*lifting of the corporate veil'* ma japplikawx għal dan il-każ;

14. Dwar l-Artikolu 315 tal-Kapitolu 386, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti m'għamlitx sewwa meta qieset li dan l-artikolu ma jibqax jgħodd aktar f'każ ta' kumpanija li isimha jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, u filwaqt li jirreferi għat-test Ingliż tal-liġi, jargumenta li "*dak li jrid jiġri waqt l-istralċ m'huwiex li jsir ir-rikors imsemmi fl-istess artikolu, iżda li jirriżulta li kien hemm xi negozju tal-kumpannija li jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi"*. Jispjega li l-atti frawdolenti jew in-negliġenza grossolana min-naħa tal-appellat Pace 'huma ċari', u fost l-oħrajn jikkonsistu fil-fatt, li għal 'ħames snin sħaħ' wara t-tneħħija ta' isem il-kumpanija '*Globe Financial Investments Ltd'* minn fuq ir-Reġistru, huwa baqa' jidher f'isem dik il-kumpanija fil-kawża li kellha kontrih fl-ismijiet ta' ***Globe Financial***

***Investments Ltd v. Mark Micallef (Rik. 566/2002AF).*** Jgħid li minħabba din il-kawża, li nqatgħet fl-2016, il-ħlas tas-*sorte* tal-kawżi li 'rebaħ' kontra t-tliet kumpaniji l-oħra ta' Christopher Pace bl-isem ta': '*The Playhouse Company Ltd*', '*Farley Investments Ltd'*, u '*Business Tower Limited*', ma sarx f'idejh għaliex tqiegħed b'depożitu taħt l-awtorità tal-Qorti u dan wara mandat ta' sekwestru li nħareġ kontrih minn *'Globe Financial Investments Ltd',* b'rabta mal-kawża 566/2002. Jargumenta li peress li dawn l-ammonti baqgħu marbuta sakemm ġiet deċiża l-kawża 566/2002AF, huwa 'ma setax jiġih imqar suspett li seta' kien hemm xi stralċ', u fid-dawl ta' dan jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li jekk seta' jiġi żgwidat, dan kien biss fil-konfront tal-kumpanija '*Globe Financial Investments Ltd'*;

15. Safejn imbagħad għandu x'jaqsam il-konvenut l-ieħor appellat Borg, l-appellant jgħid li 'rriżulta ċarament' li dan kien ħati almenu ta' negliġenza grossolana għaliex naqas milli jaqdi sewwa l-obbligu tiegħu li jivverifika d-djun tal-kumpanija. Jispjega li filwaqt li dan kien messu tal-inqas ikkomunika mal-avukat tal-kumpaniji, jissottometti li f'kull każ, il-kawżi kif ukoll l-mandati huma atti pubbliċi li huma faċilment aċċessibbli minn kulħadd, u għalhekk ma jista' jkun hemm l-ebda ġusitifikazzjoni li dan ma sarx jaf b'dawk l-atti ġudizzjarji waqt l-istralċ tal-erba' kumpaniji tal-konvenut l-ieħor;

16. F'dan il-kuntest, jargumenta li 'l-atti frawdolenti' jew 'in-negliġenza kbira' tal-konvenuti appellati wassluh 'sabiex jiġi żgurat li ma jindunax bl-istralċ u ma jieħux azzjoni biex jeżegwixxi t-titoli eżekuttivi tiegħu fil-konfront tal-kumpaniji tal-konvenut Christopher Pace, u dan qabel ma jkun tard wisq'. Għalkemm jaqbel mal-Ewwel Qorti li l-istralċ ikun ippublikat fil-gazzetti, jissottometti li '*bonus pater familias'* li jkun jinsab fil-qagħda tiegħu, u ċjoè li jkollu kawża għaddejja kontrih minn kumpanija, ma jkollu l-ebda raġuni biex jiċċekkja jekk dik il-kumpanija kinitx ġiet stralċjata, u dan meta id-direttur u l-azzjonist ta' dik il-kumpanija jibqa' jidher f'dik il-kawża;

17. L-appellant isemmi wkoll xi każisitika dwar il-prinċipju tal-*'lifting of the corporate veil',* u jilmenta li l-Ewwel Qorti fissret ħażin dan il-prinċipju għaliex ma setgħetx tiddeċiedi li ġaladarba li l-kumpaniji ġew kollha stralċjati u isimhom tħassar minn fuq ir-Reġistru, allura m'hemm l-ebda 'mantell ta' personalità ġuridika' li l-Qorti tista' 'tgħolli'. F'dan ir-rigward, ifisser li l-frażi *'lifting of the corporate veil'* huwa terminu tal-arti legali li ma jistax jittieħed f'sens letterali, iżda għandu jinftiehem li persuna ma tistax tistaħba wara kumpanija jekk twettaq atti frawdolenti jew mhux xierqa ('*improper conduct'*). Fi kliem l-appellant, bl-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti, persuna fiżika li tkun wettqet l-ingann jew negliġenza grossolana, tista' tevita li tiġi kkundannata għall-aġir tagħha sempliċement billi xxolji l-kumpanija kemm jista' jkun malajr u dan qabel ma' tinqabad;

18. Fit-**tieni aggravju** l-appellant imbagħad jgħaddi biex jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet ukoll żbaljata meta kkonkludiet li huwa kellu juża r-rimedju taħt l-Artikolu 300A(2) tal-Kap. 386 u dan fuq is-saħħa tal-prinċipju legali tal-'*lex specialis derogat generalis*'. Jispjega li minħabba l-ingann jew in-negliġenza kbira tal-konvenuti, huwa ma setax jirrikorri għal dan ir-rimedju għaliex sakemm spiċċat il-kawża 566/2002AF, "*kienu għaddew ferm aktar minn ħames snin minn meta l-kumpannija ġiet xolta*". Jargumenta wkoll li f'kull każ, l-ebda negozju ġuridiku ma jgawdi xi ħarsien mill-prinċipju tal-'*fraus omnia corrumpit*', u jissottometti li sabiex il-liġi speċjali tneħħi d-dritt u r-rimedju ta' kull persuna f'każ ta' frodi jew negliġenza grossolana, il-liġi trid tgħid dan bi kliem ċar. L-appellant iżid jgħid li biex japplika dan il-prinċipju, ir-rimedju li tagħti l-liġi speċjali jrid ikun jixbah dak li joħroġ mil-liġi ġenerali. F'dan is-sens, jargumenta li r-rimedju li jaħseb għalih l-Artikolu 300A huwa rimedju f'ċirkustanzi ordinarji, u mhuwiex xieraq għal każ bħal dan fejn hemm frodi jew negliġenza kbira. Jagħlaq imbagħad billi jgħid li huwa għandu l-jedd li jitlob mingħand l-appellati d-danni likwidati fl-ammonti msemmija minnu fir-rikors maħluf, li jirrappreżenta t-telf effettiv li ġarrab direttament frott l-għemil tagħhom u dan dejjem fuq il-prinċipju, li kull min huwa ħati ta' ħsara huwa responsabbli għaliha hu nnifsu (l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili);

19. Wara li qieset sewwa l-ilmenti kollha tal-appellant u dan kemm fid-dawl ta’ dak kollu li hemm fl-atti, kif ukoll fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, l-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tal-appellant mhumiex mistħoqqa;

20. Qabel ma tibda biex tfisser għalfejn l-appell tal-attur mhuwiex mistħoqq, il-Qorti tħoss li jkun xieraq li titlaq billi tosserva li l-appellant ma qed ikun xejn ċar u konsistenti dwar l-istitut ġuridiku li fuq is-saħħa tiegħu qiegħed jippretendi li l-appellati għandhom jagħmlu tajjeb bil-ġid personali tagħhom għall-krediti li kienu oriġinarjament dovuti lilu minn erba’ kumpaniji tal-appellat Pace. Kemm hu hekk, filwaqt li fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellant bħal qisu qiegħed jagħti l-impressjoni li huwa qed iżomm lill-appellati responsabbli b’mod personali għal kummerċ bi frodi u dan fuq is-saħħa ta’ dak li jgħid l-Artikolu 315 tal-Kap. 386, meta jiġi għall-aħħar parti tat-tieni aggravju, l-appellant imbagħad jaqleb id-diskors u jargumenta li huwa għandu l-jedd li jfittex lill-konvenuti appellati f’isimhom personali u dan fuq is-saħħa tal-prinċipju ġenerali tal-liġi ċivili li kull wieħed għandu jwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu;

21. Filwaqt li fiha nfisha, din l-inkonsistenza mhijiex aċċettabbli għaliex f’każijiet bħal dawn l-appellant irid jiddeċiedi fuq liema istitut ġuridiku qiegħed sewwasew issejjes il-pretensjonijiet tiegħu, f’kull każ, din il-Qorti

jidrilha li l-azzjoni tal-appellant ma tistax tirnexxi, u dan taħt is-suriet kollha li qed jipprova jagħtiha;

22. Safejn l-appellant qiegħed jippretendi li għandu l-jedd li jitlob mingħand il-konvenuti appellati, 'd-danni likwidati' fl-ammonti msemmija fir-rikors promotur, u dan taħt il-prinċipji ġenerali tar-responsabbiltà ċivili li kull wieħed għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, din il-Qorti taqbel għal kollox mal-Ewwel Qorti li f'każijiet ta' din ix-xorta, ir-rimedji speċjali u speċifiċi li jinsabu fl-Att Dwar il-Kumpaniji għandhom jipprevalu fuq ir-rimedji l-oħrajn li jinstiltu mill-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li l-liġi tal-kumpaniji hija liġi speċjali li tirregola kemm il-kumpaniji kif ukoll lill-uffiċjali tagħha "*u meta istitut hu regolat b'liġi speċjali, mhux leċitu li ssir referenza għal xi prinċipju ġenerali tad-dritt*"[1]. Ġie wkoll imtenni kemm-il darba li: "*hu minnu li, b'mod ġenerali, min jabbuża bid-drittijiet mogħtija lilu jista' jkun passabbli għad-danni, iżda meta istitut hu regolat b'liġi speċjali, hi biss dik il-liġi li għandha tiġi kkunsidrata għal fini ta' responsabilità tal-partijiet u tar-rimedji mogħtija – specialia generalibus derogant*"[2];

[1] Estratt meħud mis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing Limited v. Unifoods Limited et.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-**27 ta' Ġunju, 2006**, (Ċit. Nru. 715/2004TM) (mhux appellata). Ara wkoll f'kuntest ieħor iżda dwar l-istess prinċipji, id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-**30 ta' Diċembru, 2019,** fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet ta' ***Din l-Art Ħelwa et. v. Schembri Concrete Blocks Limited et.*** (Mandat Nru. 1681/19GM).

[2] Estratt meħud mis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Valle Del Miele Limited v. Wallace Fino et.***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-**12 ta' Ottubru, 2007**, (Ċit. Nru. 1903/2001/1TM) (mhux appellata). Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi fil-kawżi fl-ismijiet ta' ***G. Molton Company Limited v. Dr. Raymond Borġ et.***, deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-**21 ta' Marzu, 2011** (Avviż Nru. 9/2009GV,) (mhux appellata);

23. Minn ħarsa lejn il-premessi tar-rikors maħluf kif ukoll lejn l-affidavit tal-appellant[3], jidher sewwa li l-pretensjonjiet tal-appellant tnisslu malli ntebaħ li huwa ma setax jeżegwixxi aktar il-jedd ta' kreditu li qed jgħid li kellu fil-konfront tal-erba' kumpaniji bl-isem ta': (i) '*The Playhouse Ltd',* (ii) '*Farley Investments Ltd'*, (iii) '*Business Tower Ltd'* u (iv) '*Globe Financial Investments Limited'*, u dan għaliex dawk il-kumpaniji ma baqgħux jeżistu aktar wara li ġew stralċjati u isimhom tneħħa minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji[4];

24. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, f'ċirkustanzi bħal dawn, l-appellant ma jistax jistrieħ fuq il-prinċipji ġenerali tad-dritt ċivili, iżda kellu minflok jirrikorri għar-rimedju speċjali mogħti fl-Artikolu 300A(2) tal-Kap 386, li huwa sewwasew maħsub għal dawk il-kredituri li, bħall-appellant, jisfaw f'qagħda fejn ikollhom pretensjoni li tibqa' mhux sodisfatta u dan kontra kumpanija li tkun qassmet l-assi tagħha lill-azzjonisti skont l-iskema ta' distribuzzjoni u ma tkunx għadha teżisti aktar għaliex isimha jkun ġie mħassar minn fuq ir-reġistru[5];

---

[3] Ara l-affidavit tal-attur, fol. 71 sa 73.

[4] B'mod partikolari, fl-affidavit tiegħu, l-attur jispjega li: "*Bla ma kont naf jien u b'mod għal kollox fil-fehma tiegħi frawdolenti, matul il-proċess tal-kawża msemmija u ċioè il-566/2002AF, il-kumpanniji Globe Financial Investments Limited, The Playhouse Company Limited, Business Towers Limited, u Farley Investments Limited, ġew kollha xolti u mneħħija mir-Reġistru, bil-konsegwenza li jien ma stajtx nieħu dak li l-Qorti iddeċidiet permezz tas-sentenzi tagħha*"

[5] Artikolu 300A(2) tal-Kap 386 jipprovdi: "*(2) Meta kumpanija tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont skema ta' distribuzzjoni u l-isem ta' dik il-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull kreditur li l-pretensjoni tiegħu kontra l-kumpanija ma tkunx ġiet sodisfatta jista', b'rikors, jagħmel talba għal dak li hu dovut lilu mingħand l-azzjonisti tal-kumpanija pro rata għall-ammont li jkun riċevut mill-azzjonisti mad-distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta*

25. Għalkemm l-appellant jargumenta li r-rimedju maħsub f'dan l-artikolu "*huwa rimedju f'ċirkustanzi ordinarji*" u "*ċertament mhuwiex rimedju ideoneu għall- każi bħal dan fejn hemm frodi jew negliġenza grossolana*", il-Qorti ma' taqbilx. Kif jgħid sewwa l-appellat John Borg, minn kliem il-liġi jirriżulta li l-leġislatur m'għażilx li jillimita dan ir-rimedju għal xi ċirkustanzi partikolari, iżda ħallih miftuħ għal dawk il-każijiet <u>kollha</u> li fihom ikun hemm kreditur li jkollu pretensjoni li ma tkunx ġiet sodisfatta u dan kontra kumpanija li tkun għamlet distribuzzjoni lill-azzjonisti tagħha skont l-iskema ta' distribuzzjoni u isimha jkun ġie eventwalment imħassar minn fuq ir-Reġistru. Il-fatt ta' kemm dan ir-rimedju jiswa wkoll f'każijiet ta' frodi jew negliġenza grossolana, jista' jiġi wkoll mislut mill-Artikolu 300B(3) li jitkellem dwar ċirkustanzi fejn "*l-istralċ u t-tħassir ta' kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali*" u li fih insibu mniżżel li l-Qorti għandha tilqa' talba għat-tpoġġija lura ta' isem il-kumpanija fir-Reġistru u l-ftuħ mill-ġdid tal-istralċ, f'dawk il-każijiet <u>biss</u> fejn "*dan ikun l-uniku rimedju li jkun hemm*". Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li r-rimedju proċedurali mogħti lil kreditur ta' kumpanija li isimha jkun tħassar mir-Reġistru biex dik il-kumpanija terġa' titqiegħed fuq dak ir-Reġistru u l-istralċ jerġa' jinfetaħ, jgħodd f'każ li l-imsemmi kreditur ma jkollu l-ebda rimedju ieħor. B'dan il-mod, jekk il-pretensjoni tal-kreditur

---

*tikkunsidra hekk xieraq, tordna li jsiru ħlasijiet mill-azzjonisti lil dak il-kreditur taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa: Iżda f'ebda każ ma għandu azzjonist ikun meħtieġ li jikkontribwixxi għal ammont li jkun ijed minn dak riċevut minnu mad-distribuzzjoni*"

tkun tista' tiġi sodisfatta b'rikors taħt l-Artikolu 300A(2), allura, irrispettivament minn jekk ikunx hemm xi allegazzjonijiet ta' frodi jew le, il-kreditur għandu jressaq rikors kontra l-azzjonista skont l-Artikolu 300A(2), u mhux jitlob it-tqegħid mill-ġdid ta' isem il-kumpanija fuq ir-Reġistru u l-ftuħ mill-ġdid tal-istralċ;

26. L-azzjoni li ressaq l-appellant ma kienet tinqeda bl-ebda wieħed miż-żewġ rimedji proċedurali msemmija u li jidher li huma r-rimedji waħdiena li f'ċirkostanzi bħal tiegħu seta' u messu nqeda bihom;

27. Lil hemm minn dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li huwa kollu ta' xejn li fir-rikors tal-appell l-appellant qiegħed jisħaq fuq dak li qed isejjaħlu bħala l-'frodi' u 'ingann' min-naħa tal-konvenuti, speċjalment fir-rigward tat-tkomplija tal-proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet ta' '*Globe Financial Investments Ltd v. Mark Micallef'* (566/2002AF), u dan anke wara li isem dik il-kumpanija tħassar minn fuq ir-Reġistru. Il-Qorti qed tgħid hekk għaliex, fir-rikors maħluf li bih tnedew dawn il-proċeduri, l-appellant ma semma xejn minn dan, anzi fisser b'mod ċar li huwa kien qed iżomm lill-konvenuti personalment responsabbli speċifikatament għaliex filwaqt li l-konvenut John Borg "*naqas li jivverifika*" il-jedd ta' kreditu tiegħu[6], min-naħa l-oħra "*Christopher Pace ... bħala azzjonist ta' l-istess soċjetajiet <u>naqas li jinforma lil-likwidatur b'tali dejn</u> u <u>naqas li jassikura li tali dejn</u>*

[6] Ara t-tielet premessa tar-rikors maħluf.

*jitħallas qabel s-soċjetajiet jiġu likwidati*"[7]. L-appellant ma jistax iċaqlaq il-lasti kif jaqbillu u wisq anqas ma jista' jippretendi li din il-Qorti ddawwar is-sentenza appellata fuq premessi li ma jirriżultawx mir-rikors maħluf, u li oriġinarjament ma kinux jiffurmaw parti mill-atti u/jew omissjonijiet li bihom kien qed jixli lill-imħarrkin;

28. F'kull każ, l-appellant lanqas ma qed jgħid is-sewwa meta jargumenta li huwa ma seta' qatt jirrikorri għar-rimedju taħt l-Artikolu 300A(2) tal-Kap 386, fuq ir-raġuni li meta spiċċat il-kawża fl-ismijiet ta' '*Globe Financial Investments Ltd v. Mark Micallef',* (566/2002AF), "*kienu għaddew ferm aktar minn ħames snin minn meta l-kumpannija ġiet xolta*" u għalhekk huwa ma setax jaġixxi fiż-żmien ta' ħames snin li titlob il-liġi minħabba dak li qed isejjaħlu bħala 'l-ingann' jew 'in-negliġenza grossolana' tal-imħarrkin jew min minnhom. B'differenza għal dak li qed jgħid l-appellant, it-terminu ta' ħames snin li fih trid tiġi mnedija l-azzjoni taħt l-Artikolu 300A(2) ma jiskattax mid-data tax-xoljiment, iżda "***mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru***"[8]; Din id-differenza, li mhijiex xi waħda ċkejkna, hija ta' siwi akbar għall-każ tal-lum, għaliex jekk wieħed jimxi mad-data tal-**24 ta' Settembru, 2011**, li kienet id-data li fiha isem '*Global Financial Investments Ltd*' nqata' minn fuq ir-Reġistru[9], jirriżulta li fid-data tal-**31 ta' Mejju, 2016,** li fiha ngħatat

[7] Estratt meħud mir-raba' premessa tar-rikors maħluf.
[8] Ara l-artikolu 300A(3) tal-Kap. 386.
[9] Ara l-kopja tal-avviż tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, 'Dok. 3', fol 95.

is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' '*Globe Financial Investments Ltd v. Mark Micallef',* (566/2002AF),[10] il-ħames snin imsemmija fl-Artikolu 300A(3) kien għadhom m'għaddewx. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet lanqas ma kienu laħqu għaddew il-ħames snin fil-konfront tal-kumpanija *'Business Tower Limited',* li mill-atti jirriżulta li isimha tħassar minn fuq ir-Reġistru fi**t-2 ta' Awwissu, 2014**,[11] u li jfisser li l-appellant kellu ċ-ċans li jirrikorri għar-rimedju taħt l-Artikolu 300A tal-Kap 386, u dan saħansitra sa sentejn wara li ġie mressaq ir-rikors maħluf li bih inbdiet din il-kawża;

29. Lanqas ma jista' jkun ta' fejda l-fatt li isem il-kumpaniji '*Farley Investments Ltd'* u '*The Playhouse Company Limited'* tħassar 'il fuq minn ħames snin mid-data li fiha nqatgħet il-kawża bin-numru 566/2002AF. Bħalma qalet sewwa l-Ewwel Qorti, l-kawża bin-numru 566/2002AF ma setgħet qatt fattwalment 'żgwidat' lill-appellant fil-konfront tat-tliet kumpaniji *'Farley Investments Ltd'*, '*The Playhouse Company Limited'* u *'Business Tower Limited'.* Kif jidher mill-kopja tas-sentenza li ngħatat fil-proċeduri bin-numru ta' 566/2002AF,[12] dawn it-tliet kumpaniji ma kinux parti minn dik il-kawża, u l-fatt innifsu li t-tali kumpaniji kienu ddepożitaw il-flejjes li kellhom jagħtu lill-appellant fil-Qorti u dan wara li ssemmew bħala sekwestratarji fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li kien inħareġ

---

[10] Din is-sentenza ma ġietx appellata.

[11] Ara l-kopja tal-avviż tar-Reġistratur tal-Kumpanniji, 'Dok.1', fol. 83. (F'paragrafu 23 tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti erronjament qalet li isem il-kumpannija Business Tower Ltd' ġie mħassar minn fuq ir-reġistru fis-sena 2002).

[12] Fol. 5-17.

mill-kumpanija *'Globe Financial Investments Ltd'* fil-konfront tal-appellant, ma jfissirx li dawk il-kumpaniji kellhom xi rabta mal-proċeduri li bdiet Globe kontrih, jew inkella li ma setgħux jiġu xolti pendenti dawk il-proċeduri[13]. Fi żgur, l-appellant ma jistax għalhekk jargumenta li minħabba l-mandat ta' sekwestru jew inkella minħabba l-kawża bin-numru 566/2002AF, huwa "*ma setax jiġih imqar suspett li seta' kien hemm xi stralċ*" ta' dawk il-kumpaniji;

30. Sfiq ma' dan, hija wkoll relevanti l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-liġi stess taħseb għall-mezzi biex il-pubbliku in ġenerali jkun mgħarraf bl-istralċ tal-kumpaniji, tant li fl-Artikolu 324(1) tal-Kap 386 insibu li "*[m]eta l-isem tal-kumpannija jitħassar minn fuq ir-reġistru, ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż dwar dan fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur*"*.* Minn kif jidher minn 'Dok 1' sa 'Dok 4' li tressqu mill-konvenut Borg, dawn l-avviżi ġew tabilħaqq ippubblikati kif imiss[14]. Ta' min iżid ukoll li qabel ma' ġew ippubblikati dawk l-avviżi, ġew ukoll ippubblikati avviżi oħrajn skont l-Artikolu 401(1)(e) tal-Kap. 386, li permezz tagħhom il-pubbliku kien mgħarraf li l-istralċjarju ta' dawn il-kumpaniji kien bagħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji, kopja tar-rendikont u l-iskema ta' distribuzzjoni flimkien mar-rapport tal-awdituri, u dan kif jitlob l-Artikolu 274 tal-istess Kap 386. F'dak l-istess avviż, il-pubbliku kien

[13] Ara ċ-ċedoli ta' depożitu, 'Dok JB1', fol. 44, 46 u 48.
[14] Ara l-avviżi tar-Reġistratur tal-Kumpanniji: fol. 83 (Business Tower Ltd), fol. 92 (Farley Investments Ltd), fol 95 (Globe Financial Investments Ltd), fol. 101 (The Playhouse Company Ltd).

ukoll mgħarraf li fin-nuqqas li jkun hemm xi persuna interessata li tressaq rikors taħt l-Artikolu 275 tal-Kap. 386 u titlob lill-Qorti sabiex tagħmel ordni li tiddiferixxi d-data li fiha isem l-kumpanija għandu jitħassar minn fuq ir-reġistru, isem il-kumpanija kien ser ikun qed jitħassar fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż[15];

31. Meqjus dan kollu, l-appellant m'għandu għalhekk ikollu l-ebda skuża li ma kien jaf xejn bl-istralċ tal-kumpaniji tal-konvenut Pace u b'mod partikolari ta' dawk il-kumpaniji li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kawża 566/2002AF. Ukoll fil-konfront tal-kumpanija l-oħra, 'Globe Financial Investments Ltd', li kienet l-attriċi fil-proċeduri 566/2002AF, l-appellant ma jista' jkollu l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn, tal-inqas, wara li ġiet deċiża dik il-kawża u maħduma t-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u l-ispejjeż ta' dik l-istess kawża[16], m'għamel l-ebda verifika biex jindaga dwar l-istat ta' dik il-kumpanija. Bħala stat ta' fatt, l-appellant ma jistax għalhekk jgħid li huwa ma setax jirrikorri għar-rimedju speċjali taħt l-Artikolu 300A(2) minħabba dak li qed issejħilhom bħala l-'frodi', 'l-ingann' jew 'in-negliġenza grossolana' tal-imħarrkin appellati;

32. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-appellant ma jistax jippretendi li għax tilef iċ-ċavetta tal-bieb, issa jidħol mit-tieqa, u għaldaqstant il-Qorti ma tarax li

---

[15] Ara: 'Dok 1', fol. 82 (Business Tower Ltd); 'Dok 2', fol .87, (Farley Investments Ltd); 'Dok. 3', fol. 94, (Globe Financial Investments Ltd); u 'Dok. 4', fol. 96, (The Playhouse Company Ltd).

[16] It-taxxa uffiċjali tad-drittijiet u spejjeż tal-proċeduri ġudizzjarji bin-numru 566/02AF, nħadmet fil-4 ta' Lulju, 2016, (fol. 18).

għandha tagħmel xi eċċezzjoni għall-attur billi tagħtih xi rimedju taħt il-prinċipji ġenerali tal-liġi, meta kien huwa stess li ma kienx għaqli biżżejjed u naqas milli jirrikorri f'waqthom għar-rimedji speċjali li tagħtih il-liġi. Kif tifhimha din il-Qorti, li kieku l-appellant kellu jingħata ċ-ċans li jressaq il-pretensjonijiet tiegħu kontra l-appellati taħt il-prinċipji ġenerali tal-liġi ċivili, u dan meta kellu rimedju speċifiku taħt il-liġi speċjali, il-Qorti tkun qed ixxejjen l-għan tal-leġislatur wara t-termini ta' dekadenza misjuba fl-artikoli 300A(3) u 300B(5) tal-Kap 386, li minn kif ġie spjegat fl-istadju tat-tieni qari tal-abbozz tal-liġi li wassal għad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-artikoli, huwa sewwasew li: "*anke hawnhekk ma tistax tagħmel l-affarijiet qisu b'eternità u qegħdin ngħidu li dawn it-tip ta' proċeduri ma jistgħux jittieħdu wara li kumpannija tkun inqatgħet għal aktar minn ħames snin*"[17];

33. Filwaqt li l-Qorti tista' tieqaf hawn u dan għaliex fuq is-saħħa tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula l-Qorti tista' tgħaddi minnufih biex tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti li permezz tagħha ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni preliminari taż-żewġ imħarrkin, għall-finijiet ta' kompletezza għandu jingħad ukoll li huwa kollu ta' xejn li, fl-ewwel aggravju, l-appellant qed jilmenta mill-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar in-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 315 tal-Kap 386 għall-azzjoni tiegħu. Ibda biex li minn kif jgħid sewwa l-appellat Christopher Pace, l-

[17] Estratt meħud mill-minuti tas-Seduta Nru. 871, tad-Disa' Parlament, tat-Tnejn 17 ta' Frar, 2003, u li fiha nqara t-Tieni Qari tal-'*Abbozz ta' Liġi Dwar Tpaċija u Netting F'Każ ta' Insolvenza'*, li wassal għad-dħul fis-seħħ tal-artikoli 300A u 300B tal-Kap 386, permezz tal-Att IV tal-2003. (paġ 353).

appellant ma jistax jippretendi li l-azzjoni tiegħu ġiet imsejsa fuq dan l-artikolu, meta huwa stess naqas għal kollox milli jniżżel xi premessa jew talba fir-rikors maħluf li permezz tagħha ta' xi ħjiel li qiegħed issejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 315. Lanqas ma saret xi referenza lejn dan l-artikolu fit-trattazzjoni bil-fomm dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti[18]. Ta' min jgħid ukoll li biex wieħed jitkellem fuq responsabbiltà għal kummerċ bi frodi, jrid qabel xejn juri li jkun hemm *"xi negozju tal-kumpanija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi"*[19]. F'dan il-każ, l-atti jew l-ommissjonijiet li l-appellati qed jiġu mixlija bihom seħħew kollha waqt il-proċess tal-istralċ, u ċjoè fi stadju fejn il-kumpaniji in kwistjoni waqfu milli jkomplu għaddejjin bin-negozju normali tagħhom[20]. F'ċirkustanzi bħal dawn, la jista' jitqies li l-appellant sejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-Artikolu 315 tal-Kap. 386, u wisq anqas ma jista' jingħad li dan l-artikolu seta' japplika għall-ilmenti tal-appellant;

34. Tħares minn fejn tħares, l-appell tal-attur ma jistax għalhekk jiġi milqugħ;

***Decide:***

35. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[18] Ara t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni bil-fomm li saret dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u dan fis-seduta li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti, fit-13 ta' Frar, 2018. (fol. 102 sa 105).
[19] Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Galleria Management Ltd v. Angele Galea et.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-**31 ta' Ottubru, 2017**, (Rik. Nru. 1109/2015JZM) (mhux appellata).
[20] Ara l-Artikolu 267(1) tal-Kap 386.

**Tiċħad l-appell** u b'hekk qed tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** jitħallsu kollha mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da